**Q O R T I  Ċ I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' April 2018**

Rikors Guramentat Nru.  187 / 16RGM

Kawza fil-lista:  7

**A B**
**vs**
**C B;**
**u b'digriet datat 5 ta' Lulju 2017 il-minuri D B gie kjamat fil-kawza u C B giet nominata kuratrici *ad litem* tal-istess minuri; u**
**Direttur tad-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi fil-29 ta' Ottubru tas-sena 2004 huwa izzewweg l-intimata C B nee' B.

Illi matul dan iz-zwieg l-intimata welldet tifel maghruf bhala D B, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), liema wild gie registrat bhala iben l-esponent skond il-ligi u dan kif gie rregistrat fil-atti tat-twelid numru 2240/2009.

Illi illum, D B ghandu seba' snin.

Illi minhabba suspetti serji dwar il-paternita' tat-tifel minuri fuq imsemmi, f'April ta' din is-sena, ir-rikorrent ghamel DNA test fejn ikkonferma s-suspetti tieghu li t-tifel D ma kienx nisel tieghu.

Illi dan il-fatt gie ammess u ikkonfermat mill-intimata meta r-rikorrent ikkonfrontaha bir-rizultati tad-DNA test.

Illi minhabba s-suespost, ai termini ta' l-artiklu sebghin (70) subartiklu (d) tal-Kodici Civili, ir-rikorrent jixtieq jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg minhabba li martu kienet ikommettiet adulterju u welldet tarbija ta' haddiehor bhala konsegwenza ta' dan l-att.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, r-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Prevja n-nomina ta' periti nominandi, tiddikjara li t-tifel minuri D B m huwiex it-tifel tar-rikorrent A B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jibdel l-att tat-twelid 2240/2009 sabiex ir-rikorrent ma jibqax imnizzel bhala l-missier tat-tifel minuri izda f' dan il-kaz ma jehtiegx li jbiddel kunjom it-tifel ghaliex kunjom l-intimata qabel zzewget kien B wkoll.

Rat in-nota tal-konvenuta C B pprezentata fl-4 ta' Novembru 2016 li biha ddikjarat li ma kienitx qed topponi ghat-talbiet tal-attur;

Rat in-nota guramentata tal-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi preliminarjament ukoll huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li jigi imsejjah fil-kawza l-minuri D B u li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament, ukoll stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri D B, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjorri tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrent u tal-minuri D B, tinkiseb l-awtoizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

4. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqD mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;

5. Illli preliminarjament, minghajr hsara ghall-premess, trattasi minn kawza ta’ denegata paternita` r-rikorrent jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 70 (l) tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponent jistqarr li ghalkemm ir-rikorrent ipprezenta r-rapport ta' testijiet genetici li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri D B ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekniku tal-laboratorju ta' DNA Diagnostics Center li wettaq dawn it-testijiet;

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent irid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta’ stat ta’ D B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

8. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri D B, illi l-intimata C B tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri D B, tal-inqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

9. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li tintlaqa' it-tmien eccezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri D B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri D B (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel D B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit D B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 2240 tas-sena 2009;

10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost fil-kaz illi tintlaqa' t-tmien eccezzjoni tar-rikorrent il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri D B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f’ kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna

li jigu mnehhija l-kelmiet ‘the said’ li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid;

12. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti moghti fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2017, fejn il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tal-minuri Duel sive D B; nnomnat kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri; ordnat il-korrezzjoni fl-okkju u nnominat bhala Avukat tat-tfal sabiex jirraprezenta l-interessi tal-minuri f’dawn il-proceduri lill-Avukat Dottor Tanya Dmut Catania;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Lulju 2017 fejn il-konvenuta C B giet nominata kuratrici ‘ad litem’ tal-istess minuri u f’dik il-kwalita’ tat ruhha b’notifikata mill-gdid bir-rikors guramentat tal-attur u kkonfermat in-non opposizzjoni taghha ghat-talbiet attrici;

Rat l-affidavit u r-rapport tad-DNA ta’ Dottor Marisa Cassar ikkonfermati fl-1 ta’ Settembru 2017;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Ottubru 2017 fejn giet milqugha t-talba tal-attur maghmula bir-rikors tal-21 ta’ Gunju 2017, li gie awtorrizzat jipprocedi ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kap.16, gie dikjrat li l-atti tal-kawza gew sanati u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuta, C B tat-22 ta’ Dicembru 2017 li maghha annettiet l-affidavit taghha mahluf fl-istess gurnata;

Rat l-affidavit tal-attur anness ma' nota pprezentata fil-15 ta’ Jannar 2018;

Rat l-atti l-ohra kollha;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2018 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI**.

**L-attur A B** fl-affidavit tieghu[1] iddikjara li zzewweg lill-konvenuta C B fid-29 ta' Ottubru 2004 u li t-tifel D twieled fit-28 ta' Gunju 2009. Huma t-tnejn kienu jahdmu matul iz-zwieg taghhom, pero' l-konvenuta wafqet ghal xi ftit xhur meta kienet tqila b'D. Hu jghid li f'dak iz-zmien qatt ma ssuspetta xejn u t-tifel trabba bhala ibnu u kellu trobbija normali u t-tnejn hadu hsieb ghall-htigijiet tieghu.

Fis-sena 2016 b'kumbinazzjoni sab djarju tal-mara fejn kienet stqarret li ghamlet zball kbir meta ltaqghet ma' ragel meta kienu mizzewgin. Hu ma qalilha xejn pero' s-suspetti tieghu bdew jikbru u wara gimgha jewden sab l-okkazzjoni biex jaghmel id-DNA test fuqu u fuq it-tifel u rrizulta li hu ma kienx il-missier naturali ta' D. Hu jghid li hadha bi kbira hafna, ma fellahx ikkellimha u kitbilha bl-avukat li pprovdhielha r-rizultat tat-test.

Hi ammettiet mill-ewwel li D ma kienx ibnu u apprezzat il-fatt li l-attur kellu diffikolta' kbira biex jkompli jgib ruhu li hu missier it-tifel. Hu ghalhekk beda bil-mod il-mod jinqata' mill-hajja ta' D u hu u martu bdew jesploraw il-possibilita' li jikkonkludu separazzjoni personali. Dan l-attur hass li kellu jaghmlu sia fl-interess tieghu, billi rrizulta li t-tifel ma kienx tieghu, kif ukoll fl-interess tat-tifel li kien qed isofri bil-firda.

**Il-konvenuta C B** fl-affidavit taghha mahluf fit-22 ta' Dicembru 2017,[2] iddikjarat li hi omm il-minuri D B u li kunjom xbubitha hu B. Hi ddikjarat li kien hemm zmien fiz-zwieg taghha meta kienet giet abbandunata minn zewgha sia emozzjonalment kif ukoll fizikament. Matul il-gimgha kien ihalliha wahedha ghall-hinijiet twal u matul il-weekends kien jippreferi l-kumpanija tal-hbieb milli joqghod maghha. Hi kienet twissieh li ma kienitx kuntenta b'din s-sitwazzjoni pero' hu baqa' ma wera l-ebda interess biex jibdel l-atteggjament tieghu. Kellhom gosti differenti, hu kien jippreferi jmur f'postijiet ta' divertiment u muzika mentri hi kienet tippreferixxi li jkollhom aktar hin flimkien. L-konvenuta tghid "Kien f'dan il-perjodu twil ta' solitudini li jien zbaljajt".

Ghalkemm taf li zbaljat qatt ma kellha hsieb li binha ma kienx ta' zewgha. Xehdet illi mill-ewwel kellhom problemi fiz-zwieg taghhom, hi hasbet li wara z-zwieg zewgha kien ser jinbidel, pero' zewgha ma nbidilx u hi spiccat dejjem wahedha, fi kliema 'qiesni skjava tad-dar'. Kien ghalhekk li l-attrici bdiet tfittex sfog iehor f'hajjitha u bdiet it-tragitt fil-hajja akkademika. L-attur ma kienx ta' ostakolu ghall-istudji taghha, pero' qatt ma wera interess tant li l-anqas attenda ghall-gradwazzjoni taghha ta' Masters.

[1] Fol 59.
[2] Fol 55.

Meta bdiet il-PhD sabet l-ghajnuna tal-genituri taghha li kienu jiehdu hsieb it-tifel anke f'dawk il-hinijiet li suppost jkun ma' missieru biex hu kien jkun jista' jaghmel xi xoghol 'part time' jew jmur jilghab l-'isquash.'

Hi kienet ippruvat b'kull mezz tipprova ssalva l-familja, lil zewgha kienet tappoggjah f'kull haga li jaghmel pero' biz-zmien ma fellhitx izjed ghas-solitudini li sabet ruhha fiha.

Zewgha kien kitbilha bl-avukat biex jinfurmaha li ried jissepara f 'April 2016. Dakinhar hi saret taf li minghajr il-kunsens taghha, l-attur ghamel it-test tad-DNA fuq it-tifel, qal lilha u lill-membri tal-familja taghha li ma riedx ikollu aktar x'jaqD mat-tifel u li ghalih kien qisu 'mejjet'.

F'dak iz-zmien is-sitwazzjoni tant saret intollerabbli, li fl-interess ta' binha il-konvenuta marret tghix ghal xi zmien ghand il-genituri taghha. Minn dak iz-zmien l-attur qata' kull kuntatt mat-tifel, beda jaghmel pressjoni fuqha u hbiebha biex jinfurmaw lill-minuri li hu ma kienx missieru. Kien anke mar l-iskola tat-tifel biex jghidilhom li ma kienx il-missier biologiku tat-tifel.

It-tifel kien jistaqsiha kif kien li dak li hu kien jaf bhala missieru ma riedux aktar. It-tifel ghadda minn trawma, kienet sitwazzjoni difficili tant li fuq parir ta' kollegi esperti fl-izvilupp tat-tfal, l-konvenuta bdiet tiehu lit-tifel ghand ic-Child Psychologist Nadya Abdilla u ilu jmur ghandha regolarment ghal dawn l-ahhar sena u nofs. It-tifel kien konfuz u mwegga' u fis-sena bejn 2016 u 2017 kienet tarah il-psikologa kif ukoll l-ghalliema tal-'guidance' tal-iskola primarja fejn kien jattendi.

Wara Gunju 2016 it-tifel qatt ma talab biex jara lill-attur. L-attur qatt ma jissemma' mit-tifel hlief f'okkazzjonijiet rari meta jitkellmu dwar il-passat.

Il-konvenuta tghid li illum kull min jaf lill-attur, jaf li hu mhux missier D.

Minn mindu telqu mid-dar konjugali l-hajja ta' D kompliet ghaddejja kif kien imdorri, baqa' jittrenja fil-ginnastika, fil-ghawm u fit-tennis. It-tifel hu attiv fil-komunita' fejn jirrisjedu permezz tal-ghaqda tal-Muzew kif ukoll fl-iskola primarja fejn jattendi. It-tifel fil-kitba tieghu jsemmi li hu mdawwar b'hafna hbieb li jhobbuh u jhossu komdu u ferhan bil-hajja li qed jghix.

Il-konvenuta u binha ma baqghux jghixu ghand il-genituri taghha, billi kriet appartament zghir u qed jghixu ghar-rashom. Ir-rapport mal-genituri taghha baqa' eccellenti u jiltqghu ta' spiss.

Il-konvenuta tghid li t-tnehhija ta' isem l-attur mic-certifikat tat-twelid tat-tifel mhiex ser teffettwa lit-tifel, billi dan illum accetta dan il-fatt tant li lil shabu fil-klassi qalilhom li l-attur fir-realta' mhux missieru.

Dottor Marisa Cassar, b'nota pprezentata fl-1 ta' Settembru 2017 annettiet affidavit, photocopy tal-ID Cards ta' C B u ta' A B, ritratt ta' D B kif ukoll rapport li juri li l-attur A B mhux il-missier naturali ta' D B.

Fl-affidavit taghha,[3] hi ddikjarat li gabret il-kampjuni orali ta' C B, ta' D B u ta' A B sabiex jkunu jistghu jsiru it-testijiet tad-DNA (Paternity test) u li minn dawn it-testijiet irrizulta li A B mhux il-missier naturali ta' D B.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

L-attur A B u l-konvenuta C B zzewgu fid-29 ta' Ottubru 2004 u fit-28 ta' Gunju 2009 twieled t-tifel maghruf bhala D B. L-attur qed jitlob li jigi dikjarat li t-tifel D B mhuwiex it-tifel tieghu u li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi ordnat jemenda l-att tat-twelid 2240/2009 billi l-istess attur ma jibqax imnizzel bhala l-missier tat-tifel u li ma hemmx il-htiega li jinbidel il-kunjom tat-tifel billi kunjom il-konvenuta qabel izzewget kien ukoll B.

L-attur annetta mar-rikors guramentat l-Att tat-Twelid tal-minuri u DNA test b'konferma li hu mhux il-missier naturali tal-minuri.

Il-konvenuta C B giet notifikata fis-26 ta' Settembru 2016, Fol 12 'a tergo', u b'nota pprezentata fl-4 ta' Novembru 2016 iddikjarat li ma kinitx qed topponi ghat-talbiet tal-attur. Hi, in oltre, kkonfermat in-non opposizzjoni taghha ghat-talbiet tal-attur fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2017.

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 70 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dwar is-sitwazzjonijiet partikolari meta r-ragel jista' jichad li 'jaghraf it-tifel' imwieled minn martu. Dawn huma jekk bejn it-300 jum u l-180 jum qabel it-twelid tal-wild hu kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu; jekk fl-istess zmien kien mifrud minnha de facto jew legalment; jekk fl-istess zmien kien impotenti; jekk fl-istess zmien jipprova li martu kkommettiet adulterju. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita'.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu d-dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel.

---

[3] Fol 29.

Dwar il-Pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-

**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;
(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;
(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;
(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.
(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "l'azzione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile" (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu". Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att". (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-

tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-
"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".**

Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' de negata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:

"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:

"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'de negata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".

Fil-kaz in ezami, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li bin martu mhux ibnu u qed jipprocedi fit-termini tal-Artikolu 70 tal-Kodici Civili. Hu annetta DNA Report mar-rikors guramentat li pero' ma kienx gie kkonfermat bil-gurament.

Ir-rapport li gie' pprezentat minn Dottor Marisa Cassar, nominata min din il-Qorti biex tikkonduci t-test tad-DNA, wasal ghall-istess konkluzjoni u r-rapport taghha debitament ikkonfermat bil-gurament hu konkluziv fis-sens li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri D B.

Il-konvenuta C B tammetti li l-minuri mhux wild ta’ zewgha.

Jirrizulta xjentifikament ghalhekk li l-attur A B mhux il-missier naturali u biologiku tal-minuri D B, konsegwentement t-talba tieghu ghal tali dikjarazzjoni tirrizulta ppruvata u ghandha tigi milqugha.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku**.

L-Eccezzjoni dwar nuqqas ta' notifika lill-Avukat Generali.

Fl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut Direttur gustament jeccepixxi illi l-attur kienu missu innotifika wkoll lill-Avukat Genrali bir-rikors promotur u dan ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li jirrizulta illi l-konvenut Direttur ipprezenta r-risposta guramentata tieghu fi zmien 20 jum min-notifika lilu tal-att promotur, in-nuqqas tal-attur fir-rigward ma gab l-ebda konsegwenza ta' hsara lill-konvenut Direttur.

L-Eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju peress li l-minuri ma giex imharrek.

Il-mertu ta' din l-eccezzjoni gie ezawrit meta b'digriet tal-5 ta' Lulju 2017 il-minuri gie kjamat in kawza u l-konvenuta C B gie nominata kuratrici ad litem tieghu.

L-Eccezzjoni li l-attur ma ottjeniex preventivament l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jipprovdi bil-kawza odjerna.

Huwa minnu illi l-Artikoli 782 u 783 jipprovdi illi l-azzjoni ta' denegata paternita' dwar wild imwieled fiz-zwieg ghandha ssir fi zmien sitt xhur mit-twelid. Fin-nuqqas l-azzjoni tista' ssir biss wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-Qorti. Jirrizulta illi fil-21 ta' Gunju 2017 l-attur ipprezenta rikors fejn talab l-awtorizzazzjoni mehtiega. Il-Qorti wara li ezaminat ir-risposti sew tad-Direttur kif ukoll tal-konvenuta B laqghet it-talba b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017. Il-kawza giet ghalhekk sanata.

Dwar l-Eccezzjoni ta' Pusssess ta' Stat.

Dwar il-pussess tal-istat tat-tifel u jekk dan kienx konformi mal-Att tat-twelid tieghu, jigi rilevat li ghalkemm fl-ewwel snin ta’ hajtu il-minuri trabba go familja fejn l-attur kien meqjus bhala missieru, malli l-attur dahallu s-suspett, li gie kkonfermat bid-DNA Test, l-attur iddistakka ruhhu kompletament mill-minuri, insista ma’ martu li l-familjari taghha ghandhom jkunu jafu, kif ukoll il-familjari tieghu u hbieb u konoxxenzi taghhom. L-attur, in oltre, mar l-iskola tat-tifel biex

jinforma d-dirigenti tal-iskola li l-minuri ma kienx ibnu. Hu ddikjara li ghalih t-tifel kien qisu ‘mejjet’.  Effettivament il-konjugi B lanqas baqghu jikkoabitaw billi martu u binha marru jghixu ghand il-genituri taghha u wara krew post ghar-rashom. It-tifel illum ukoll accetta din s-sitwazzjoni u apertament jiddikjara kemm mal-hbieb kif ukoll ma' shabu fl-iskola li hu ma ghandux missier.

Isegwi ghalhekkk illi gie sodisfacentement ippruvat illi l-minuri ma jipposjedix stat li hu konformi mal-att tat-twelid tieghu.

Dwar il-kunjom li ghandu jassumi il-minuri D, l-attur u l-konvenuta C B qablu li t-tifel ghandu jibqa’ jgib il-kunjom ‘B’ billi omm il-minuri bhala xebba kellha l-istess kunjom cioe’ B.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, l-mertu taghhom gie indirizzat bir-rizultanzi tal-perizja xjentifika.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, tenut kont illi l-kawza kienet mehtiega minhabba l-agir tal-konvenuta B, l-istess B ghandha  taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti Direttur tar-Registru Pubbliku u C B konformement ma' dak hawn deciz:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li t-tifel minuri D B mhuwiex it-tifel tal-istess attur;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jemenda l-att tat-twelid 2240/2009 sabiex l-attur ma jibqax imnizzel bhala l-missier ta' D B b'dan illi jigu kancellati l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur u sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf" ossia "unknown father" filwaqt li jigu kancellati l-kliem "the said".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C B proprio.

**Imhallef** **Deputat Registratur**